# Evanġelizzazzjoni - MSSP

### Ċentru Animazzjoni Missjunarja

L-għan tas-Soċjetà tagħna huwa l-missjoni. Dan ifisser li aħna rridu nkomplu nwasslu l-Kelma ta' Alla kull fejn inkunu u b'kull mod.

Għalhekk għadhom kemm ġew imħabbra żewġ inizjattivi kbar u importanti, minn żewġt idjar tas-Soċjetà f'Malta.

L-ewwel inizjattiva hija miċ-Ċentru Animazzjoni Missjunarja ta' Santa Venera, li permezz taċ-ĊAM Productions International, qed joħorġu programmi, uħud minnhom live, għal fuq l-istazzjonijiet televiżivi Maltin.




F'din l-istampa hawn id-dettalji kollha

### Ċentru ta' Kateketika

Inizjattiva oħra ġejja mill-Oratorju tagħna f'B'Kara: Ċentru tad-duttrina għat-tfal, u li issa sar ukoll Ċentru ta' Kateketika. Għalhekk huma nidew programm Pastorali għas-sena 2011-2012, li huwa miftuħ għal kullħadd.

**Fost l-oħrajn insibu:**
Katekeżi Biblika, kull l-ewwel Tnejn tax-xahar, fuq persunaġġi bibliċi, fis-7.00 p.m., minn Ottubru sa Mejju.

**Erba' Korsijiet:** Il-Ġenesi f'Ottubru; Spiritwalità u Kariżma MSSP, fit-8, 15, 22, 29 ta' Novembru; Is-Sesswalità u l-Fidi, fl-10, 17, 24, 31 ta' Jannar; u Spiritwalità taż-Żwieġ, fit-8, 15, 22, 29 ta' Mejju.
Kull kors jibda fis-7.30p.m. sad-9.00 p.m.
Għal aktar dettalji jew biex tibbukkja ċempel 9927 7648 jew lortab@gmail.com



Fr Martin waqt il-course

## Fundazzjoni quddies wara mewtek

Ħuti, iż-żmien igerbeb u l-Mulej jibgħat għalina.
Int qatt ħsibt għal xi ħaġa wara mewtek?
Tista' twaqqaf Fundazzjoni ta' Quddies.
Aħna lesti biex niħdulek ħsieb.

**X'għandek tagħmel?**
Tista' twaqqaf din il-Fundazzjoni f'ħajtek jew tista' tħalliha fit-testment
Il-quddies tal-fundazzjoni jitqaddsu appena tiġi nieqes/a

**Immarkaw minn issa t-18 ta Diċembru Laqgħa tal-Benefatturi.**





# Aħna lilkom

HOLQA BEJN IL-ĦBIEB

Novembru 2011 / Għadd 463 | Editur: Fr Norbert Bonavia MSSP

## Il-Birthday tal-Fundatur

Jekk ix-xahar ta' Settembru ifakkarna fil-mewt tal-għażiż fundatur tagħna, Novembru jfakkarna f'data oħra importanti u għażiża għalina l-membri tas-Soċjetà mwaqqfa minnu. Għax fit-2 ta' Novembru tas-sena 1877 twieled il-qaddej t'Alla Ġużeppi De Piro, is-seba' wild minn żewġt ibniet u seba' subien.

Il-ġurnata kienet il-Ġimgħa, fl-Imdina, fid-dar tan-nobbli familja De Piro. Din id-dar hija bieb ma' bieb mal-Katidral. Sa ftit ilu kienet skola tas-Sorijiet tad-Dorotej, illum hija f'idejn il-Kapitlu Metropolitan.

Ġie mgħammed l-għada s-Sibt it-3 ta' Novembru, mill-Arċipriet tal-Katidral, Mons. Dun Vinċenz Magri. Kif soltu jsir, barra l-isem ta' Ġużeppi, tawh ukoll ħames ismijiet oħra, li huma: Ġwanni, Franġisku, Baskal, Dwardu u Nikola. Bħala parrini kellu nies tal-familja, li ma setax jonqos li kienu huma wkoll nobbli. Is-Sur Asessandro Sciberras D'Amico, (qarib ta' missieru) u s-Sinjura Marjanna Agius, (qariba ta' ommu). F'din iċ-ċerimonja, kien hemm ġest tassew sabiħ, għax il-libsa li libbsitu ommu għall-magħmudija, kienet l-istess waħda li tletin sena qabel, kienet hi stess li tgħammdet biha.

Missieru Alessandru kien ta' razza nobli miż-żewġ naħat. Missieru kien it-tabib Karmenu, li ħutu kienu l-markiżi ta' Kastilja, u ommu Gerolama, li missierha kien l-14-il baruni ta' Kastell Cicciano. Kull min kien jafu, b'sens ta' rispett kien isejjaħlu "is-Sur Sander". Huwa kien bniedem serju, li żamm il-pożizzjoni tiegħu bla ma tkabbar. Huwa żżewweġ lil Ursula Agius Caruana fis-17 ta' Novembru,1868.



Is-sodda li fuqha twieled Mons. De Piro

Ommu, is-sinjura Ursula, kienet ukoll ġejja minn razza ta' barunijiet, imma fuq kollox kienet mara tassew twajba u ta' dixxiplina. Is-sinjura Kika, kif kienu jsejħulha, kienet mara li għexet il-ħajja tassew nisranija. Dak li lilha kien jagħtiha kull saħħa fil-ħajja kien il-Mulej innifsu. Il-Katidral kien qisu t-tieni dar tagħha. Għax hi, żewġha u uliedha kont tarahom kull filgħodu sejrin ilkoll għall-quddiesa.

Il-karattru li bih kien imżejjen Ġużeppi kien rifless tat-trobbija li ħa mingħand il-ġenituri, imma l-aktar mingħand ommu, għax missieru miet żgħir. Għalhekk verament kien f'postu l-ġudizzju li żmien iżjed tard għamel fuq il-familja De Piro, l-Arċisqof Pietru Pace, meta qal, *"In-nobbli familja De Piro hi magħrufa għas-sentimenti reliġjużi tagħha"*.

**L-Editur**



Sant'Agata, Rabat, Malta, Tel: 2145 4503 / Stella Maris, Żebbuġ, Gozo, Tel: 2155 1159

# Intervista ma' Fr Cortis

*Fr Frank Cortis li ilu jaħdem fil-missjoni tagħna tal-Perù għal dawn l-aħħar 37 sena, ftit ilu kien Malta għal ftit mistrieħ. Jien ħadt l-okkażjoni biex għamiltlu din l-intervista.*



It-tfal tal-Aldea

**Fr Frank, bilfors li kellek diversi ministeri f'dawn is-37 sena. Għidilna ftit dwarhom.**
L-ewwel missjoni tiegħi kienet fil-parroċċa ta' Aplao, fejn domt 20 sena. Din il-parroċċa tinsab f'wied tal-muntanji Andes. Naturalment, l-ewwel għan tal-missjunarju huwa li jwassal il-kelma ta'Alla. Però l-missjunarju għandu dmir ieħor x'jaqdi: dak li jgħin fil-bżonnijiet soċjali tal-poplu li Alla fdalu f'idejh. Għalhekk il-missjunarju jaqsam it-tbatijiet u l-ferħ mal-fidili tiegħu. Għalhekk f'Aplao jiena kont ħassejt il-bżonn li tinbena skola biex it-tfal ikollhom edukazzjoni xierqa u bi prinċipji nsara.

Wara Aplao is-superjuri tiegħi bagħtuni f'żewġ parroċċi oħra. Fl-1994 fil-parroċċa ddedikata lill-Appostlu Missierna San Pawl u fl-1998 fil-parroċċa ddedikata lis-Salib Imqaddes; it-tnejn f'irħula foqra tal-belt ta' Arequipa. F'din l-aħħar parroċċa kien hemm istitut abbandunat u wara studju li għamilt mal-lajċi tal-parroċċa ddeċidejna li nirranġawh u nibdew niġbru t-tfal foqra, abbandunati, maħruba minn djarhom, imsawta, abbużati u b'diżabilità fiżika.

**X'isem tajtu lil dan l-istitut u għaliex?**
Din id-dar jew istitut jisimha Aldea Sagrada Familia biex it-tfal jitrabbew bħala familja fuq l-eżempju tal-familja ta' Nazzaret.

**Kemm għandek tfal f'din id-dar, ta' liema età, u kemm għandek nies jaħdmu miegħek f'dan l-istitut?**
Fil-preżent għandi 51 tifel u tifla. L-iżgħar tifel huwa ta' 6 xhur u l-ikbar tifla ta' 17-il sena. Jiena għandi 8 irġiel u mara jaħdmu f'dan l-istitut u kwantità kbira ta' voluntieri, kemm minn tal-post u anki minn pajjiżi oħra.



Fr. Frank Cortis ma' tifel fl-isptar

**X'inhu l-għan tiegħek għal dawn it-tfal meta jikbru?**
It-tfal li jiġu f'dan l-istitut huma tfal li għaddew minn diversi trawmi fi ħdan il-familja tagħhom stess. Mhux faċli ngħid l-istejjer ta' kull persuna, imma ngħid waħda biss: għandna tfal li ommhom u missierhom ma aċċettawhomx, jew ikunu abbandunawhom, jew ikunu tawhom il-velenu. Għalhekk dawn it-tfal jirċievu attenzjoni speċjali minn psikologi ħalli nippruvaw ngħollulhom il-moral tagħhom billi nuruhom li nħobbuhom u li huma aċċettati fis-soċjetà. Għalhekk l-għanijiet tagħna huma tnejn:

- Li dawn it-tfal 'il quddiem ikunu ċittadini onesti; u
- Li jagħmlu unur lill-Knisja li rabbiethom.

**Taħseb li qiegħed tilħqu dan l-għan?**
B'sodisfazzjon ngħid li t-tfal li ħarġu f'dawn l-aħħar 18-il sena kollha ġew inseriti tajjeb fis-soċjetà. Dan għaliex aħna ngħallmuhom iwettqu r-responsabilitajiet kollha, bħalma huma t-tindif, it-tisjir, il-ħasil, ecc. Fl-aħħar snin qabel joħorġu, jiġu mgħallma sengħa u jkunu diġà bdew jaħdmu waqt li jkunu għadhom magħna.

**Kif qed tagħmel biex taħseb għall-ikel, l-edukazzjoni, is-saħħa u l-ilbies għal dawn it-tfal? Kif jirnexxilek ...... fl-art tal-missjoni?**
Ir-risposta għal din il-mistoqsija hija sempliċi ħafna; il-Providenza Divina. Però Alla jaħdem permezz ta' nisa u rġiel ta' qalb nobbli u ġeneruża biex jaħsbu għal min huwa fil-bżonn, speċjalment it-tfal foqra u batuti.

**Għandek xi messaġġ għall-benefatturi tagħna?**
Jiena nirringrazzja lill-benefatturi kollha Maltin u Għawdxin u lil Fr Louis Mallia MSSP, direttur taċ-ĊAM, tal-għajnuna bla waqfien li dejjem nirċievi biex immantni lil dawn it-tfal fil-bżonn.

# Fundatur tal-Banda "San Ġużepp" ta' Għajnsielem

*Forsi ftit jafu li l-fundatur tal-Banda filarmonika "San Ġużepp" tal-parroċċa ta' Għajnsielem f'Għawdex kien Mons. De Piro.*

Biex nistgħu nifhmu aħjar ser nibdew minn kif twaqqaf l-Istitut ta' San Ġużepp f'Għawdex.

F'Għawdex ma kienx għad hemm istitut tat-tfal subien bħalma kien San Ġużepp f'Santa Venera. Biss, Mons. Pietru Pace, minn Għawdex kien diġà ħaseb f'xi ħaġa simili.

Imma kellhom jgħaddu ħafna snin biex din il-ħolma saret realtà.

Infatti, fis-17 ta' Novembru 1920, l-Arċiprieti u l-Kappillani ta' Għawdex kienu għamlu l-ewwel tentattiv biex iwaqqfu dan l-istitut fi żmien l-Isqof Camilleri. Imma kellhom jistennew is-sena 1924 li fiha kien sar Isqof ta' Għawdex Mons. M. Gonzi, fejn huma għamlu rikors ieħor, li fih fissru l-fatti kollha li xtaqu. Fost l-oħrajn huma qalu li talbu xi sussidju mill-Gvern u li l-isem ikun Orfanatrofju Djoċesan Parrokkjali. L-Isqof Gonzi ħareġ id-digriet tat-twaqqif tal-istitut fis-6 ta' Novembru, 1924.

Wara li saru l-laqgħat u l-ftehim bejn l-Isqof t'Għawdex u l-Gvern, kien baqa' l-aktar ħaġa importanti. Min kien ser jieħu f'idejh it-tmexxija ta' dan l-orfanatrofju. L-awtoritajiet tal-Knisja f'Għawdex kienu tal-fehma li dan l-istitut ikun affiljat ma' dak ta' San Ġużepp f'Malta. Għalhekk huma avviċinaw lil Mons. De Piro b'din il-proposta, u li jkun hu d-direttur. Wara li saru l-laqgħat meħtieġa maż-żewġ Isqfijiet ta' Malta u t'Għawdex, u ġew solvuti d-diffikultajiet li nqalgħu, il-Fundatur, aċċetta l-proposta, u aċċettaha wkoll f'isem is-Soċjetà tiegħu. B'hekk huwa sar id-Direttur ta' dan l-Orfanatrofju San Ġużepp.

Il-ġurnata tal-inawgurazzjoni kienet fil-21 ta' Mejju 1925. Għal din l-okkażjoni Mons. De Piro kien ġab minn Malta l-Banda tal-Istitut ta' San Ġużepp. Dakinhar ukoll daħlu l-ewwel tlett itfal.

Għalkemm quddiem l-awtoritajiet baqa' jidher il-Monsinjur bħala direttur, hu poġġa lil Dun Mikiel Callus, mssp, biex imexxi minfloku. Imma hu baqa' jagħmel visti regulari u ma kienx imur idu f'idu. Infatti, f'waħda minn dawn il-visti, xi tliet snin wara l-ftuħ uffiċjali, Mons. De Piro deher tiela' mix-xatt bil-mixi lejn l-istitut, iqandel pakkett kbir. Dawn kienu xi ftit strumenti tal-banda, li kien xtara bil-għan li titwaqqaf banda magħmula mit-tfal, bħal dik tal-istitut ta' Malta. Hekk sar. Għall-ewwel il-banda kienet magħmula minn għaxar bandisti. Imma maż-żmien xi żgħażagħ mir-raħal ġew mistiedna jdoqqu fiha u b'hekk saret il-banda tar-raħal ta' Għajnsielem.

Din il-banda, li għadha mwaqqfa sal-lum fil-parroċċa ta' Għajnsielem, tqis lil Mons. De Piro bħala fundatur u għadha ġġib l-isem sabiħ tal-Banda Filarmonika San Ġużepp.

**L-Editur**



